KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

**Minuti tal-Laqgħa Nru 39 tas-Sitt Kunsill Lokali tal-Mosta li saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill, Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, nhar it-Tlieta 2 ta Settembru 2014 fis-7.30 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis- 7.39 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxiet il-laqgħa tal-Kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Shirley Farrugia | 19.35 | 21.30 |
| Vici Sindku Joseph De Martino | 19.25 | 21.30 |
| Kunsillier Alexander Muscat | 19.36 | 21.30 |
| Kunsillier Abraham Bezzina | 19.37 | 21.30 |
| Kunsillier Dr Rachel Tua | assenti | |
| Kunsillier Mario Sammut | 20.11 | 21.30 |
| Kunsillier Jean Paul Camilleri | 19.50 | 21.30 |
| Kunsillier James Cassar | 19.38 | 21.30 |
| Kunsillier Keith Cassar | 19.38 | 21.30 |
| Kunsillier David Meilak | 19.39 | 21.30 |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 19.45 | 21.30 |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

## 1.00 Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nru 38- 31 ta' Lulju 2014

Il-minuti tal-laqgħa Nru 38 li saret fil-31 ta' Lulju 2014 intbagħtu qabel il-laqgħa u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Saru tlett korrezzjonijiet kif ġej :

(a) F'Item 7 l'aħħar sentenza ġiet taqra hekk : 'Il-Kunsill approva unanimament li s-sala tintuża anke għal-laqgħat u attivitajiet politiċi bi ħlas skont it-tariffa tal-Kunsill.'

(b) F'Item 8 fir-raba paragrafu żdiedu l-kliem **'il-Viċi Sindku' wara l-kliem** 'Dwar il-Green Wardens'.

(c) F'Item 9.01 żdiedet sentenza fl-aħħar tal-paragrafu : 'Iżda ġie deċiż li peress li din id-darba l-attivita tagħlaq 15 il-sena, il-Budget jitla għal € 1,200."
Il-minuti ġew iffirmati.

Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta MST 9059 - Malta
Tel: (+356) 2141 6841 • Fax: (+356) 2141 0245 • E-mail: mosta.lc@gov.mt

## 2.00 Punti Imqajjma mill-Minuti

2.01 Dwar item 8 ġie deċiż li issir talba lir-Regjun Tramuntana sabiex jigu nstallati 'speed-cameras' f'dawn it-toroq fil-Mosta: (1) Vjal Indipendenza (ħdejn il-grawnd tal-futbol), (2) Triq Franġisku Pisani, (3) Triq il-Qalbiena Mostin, u (4) Triq Sammy Calleja.

2.02 Dwar item 9.05 – Triq ir-Rebbiegħa- Il-Viċi Sindku qal li trid tiġi studjata ż-żona kollha qabel tittieħed deċizjoni jekk Triq Ponsomby ser tibqa one-way kif inhi fl-istess direzzjoni bħal ma hi Triq il-Kungress Ewkaristiku. Is-Sindku qablet ma dan u qalet li Transport Malta għandhom jikkonsidraw ir-reġjun kollu. Is-Sur Alex Muscat qal li r-residenti għandhom jiġu kkonsultati f'laqgħa msejħa apposta fejn jinstemgħu l-opinjonijiet tagħhom. Dan jevita li tittieħed xi deċiżjoni u wara jkollha tiġi mibdula. Il-Viċi-Sindku qal li għandu jiġi ppreparat pjan mill-Kunsill u dan jitpoġġa għal-approvazjoni tar-residenti ta' dawk l-inħawi. Ġie deċiż li dan il-pjan l-ewwel jinbagħat lil-Transport Malta.

Is-Sindku nfurmat li diġa giet mitluba l-opinjoni tal-Ispettur Nicholas Vella tal-Għassa tal-Mosta dwar il-pjan tal-Kunsill li parti min Triq il-Ħtajriet (bejn Triq San Anton Abbati u Triq il-Kbira) ssir one-way.

## 3.00 Materji Finanzjarji

### a) Lista ta Pagamenti

Ġiet approvata unanimament lista ta' Pagamenti għal-ammont ta' Ewro 54,026.54 kif ippreżentata u annessa ma dawn il-minuti.

### (b) Lista tal-Works Orders

Ġiet approvata unanimament lista ta' Works Orders kif annessa ma dawn il-minuti.

### c) Lista ta Purchase Orders

Ġiet approvata unanimament lista ta' Purchase Orders kif annessa ma dawn il-minuti.

### d) Lista ta Depożiti

Ġiet approvata unanimament lista ta' Depositi bankarji kif annessa ma dawn il-minuti.

### e) Quarterly Return 30th June 2014

Ġie approvat unanimament ir-rapport finanzjarju tat-tieni kwart tas-sena 2014. Dan juri Indikatur Finanzjarju ta' 9%. Kopja annessa.

## 4.00 Korrispondenza

Ġiet ippreżentata lista Nru:35 ta' 6 items ta' korrispondenza. Id-deċiżjoni dwar din il-korrispondenza tinstab annessa ma dawn il-minuti.

Dwar Korrispondenza Nru 1 – talba biex Save Wise jinstalla u-Bend Advert fi Triq il-Pont kantuniera ma Triq il-Kbira. Ġie deċiż li din it-talba tkun approvata skont it-tariffa tal-Kunsill iżda l-applikant jiġi nfurmat li ser tittieħed azzjoni kontra ipparkjar bl-addoċċ u kontra l-liġi quddiem l-istabiliment tiegħu.

Dwar Korrispondenza Nru 2 – Petizzjoni sabiex it-triq tas-Sriedak issir one-way. Ġie approvat li Transport Malta tintalab tapprova din it-talba u anke li jsiru sleeping-policemen (traffic calmers) f'din it-Triq li hija ferm dejqa u fiha qed jidħlu ħafna vetturi minħabba n-numru ta' stabilimenti li hemm f'din iż-żona ndustrijali.

Dwar Korrispondenza Nru 5 – Żjieda fil-Kontribubzjoni tad-Dipartiment tal-Anzjani u Kura fil-Komunita- Il-Kunsill approva unanimament l-offerta tas-Sur John Bottiglieri (MFSS) li l-Kontribuzjoni mid-Dipartiment tal-Anzjani għas-snin 2014, 2015, u 2016 għaż-żamma taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum fil-Mosta tiżdied mis-somma ta' 3,494 Ewro għas-somma ta' 4,500 Ewro.

## 5.00 Sejħa għal Ħatra ta Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill

Is-Sindku nfurmat li l-estensjoni ta' sena li kienet ingħatat mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali għal-kariga tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv kienet tagħlaq f'Jannar 2015 u għalkemm kien hemm qbil li s-Sur John J. Camilleri jkompli bil-kariga tiegħu jekk tiġi estiża din l-estensjoni, huwa kien wera x-xewqa li fil-fatt jirtira kif jiġi ingaġġat Segretarju Eżekuttiv ġdid. Kien hemm qbil unanimu li jinbdew il-proċeduri sabiex tinħareġ sejħa għal Segretaru Eżekuttiv ġdid.

## 6.00 Ġieħ il-Mosta /Attivita -Mosta Attiva 14/09/2014

Is-Sindku, Dr. Shirley Farrugia nfurmat li kienu daħlu nominazjonijiet għal 12 il-persuna. Dawn ġew ivverifikati mill-Kumitat tal-Kultura u nstab li tnejn min dawn ma kienux eliġibli. Għalhekk kien baqa 10 nominazzjonijiet validi.

Ġie deċiż li qabel issir l-għażla, l-Kunsill jiddeċiedi kemm għandhom jingħataw l-unur ta' Ġieħ il-Mosta u anke il-materjal tal-medalja li tingħata ma dan l'unur. Ittieħdet deċiżjoni unanima li jingħataw biss żewġ unuri u li l-dettalja għandha tkun ta' matejal tal-fidda bbanjata bid-deheb isfar.

Il-Kunsillier Keith Cassar qara d-dettalji ta' dawk nominati u saret votazjoni li r-riżultat kien kif jidher hawn taħt:

***Oratorju Maria Immakulata - 9 voti***

***Mosta Football Club - 6 voti***

***Charles Schembri - 2 voti***

***Mosta Youth Empowerment - 6 voti***

| | |
|---|---|
| ***Stanley Mangion*** | ***- 1 vot*** |
| ***Eleandro Buhagiar*** | ***- 4 voti*** |
| ***Alfred C. Sant*** | ***- 7 voti*** |
| ***Raymond Grech*** | ***- 3 voti*** |
| ***Mro. Ganni Vella*** | ***- 1 vot*** |
| ***A.C. Raymond Zammit*** | ***- 6 voti*** |

*L*-Oratorju Maria Immakulata u s-Sur Alfred C. Sant ġew għalhekk mgħazula biex jingħataw l-Unur ta' Ġieħ il-Mosta għas-sena 2014 f'ċerimonja li għandha ssir nhar il-Ħadd 14 ta' Settembru, 2014 filgħaxija.

In-nominazzjonijiet li ma kienux eliġibli kienu dawk tal- Kor Shalom u ta' Arthur Micallef.

Ġie unanimament maqbul li għal din is-sena ċ-ċerimonja u l-attivita ta' Jum il-Mosta issir fl-14 ta' Settembru quddiem il-Kappella tal-Madonna tal-Isperanza.

Ġie maqbul ukoll li din l-attivita tinkorpora wkoll l-inawgurazjoni tal-Proġetti Measure 313 u Measure 323 bi kxif ta' lapida tal-irħam mis-Sindku. Wara ċ-ċerimonja jsir is-solitu riċeviment għal dawk kollha preżenti.

Is-Sindku, Dr. Shirley Farrugia, nfurmat wkoll li l-attivita 'Mosta Attiva' taħt l-iskema tal-Memo 25/2013 għandha wkoll issir nhar il-Ħadd 14 ta' Settembru 2014 filgħodu fil-parkegg t' Pjazza Rotunda. Isir ukoll il-kxif ta' lapidi tal-proġetti ffinanzjati mill-UIF tal-MEPA ta: (1) Pavimentar ta' Sqaq Nru 1, Triq San Anton Abbati, (2) Pavimentar ta' Trejqet Sant Anna, u (3) Riġenerazzjoni u apparat ġdid tal-Bandi fi Ġnien Reggie Cilia. Ser jkun hemm banda sponsorjata min 'Valletta 2018' li takkumpanja l-mixja min proġett għal-ieħor.

Sar qbil li l-ispejjes għal din l-attivita u riċeviment jittieħdu mill-flus li nġabru mill-għoti ta permessi lil tal-ħwienet u kjosks matul il-festi ta' Santa Maria. Dawn kienu jammontaw għas-somma ta' Euro 6,794.83.

## 7.00 Skema tal-Housing Authority –Laqgħa għar-Residenti

Ġie deċiż unanimament li tissejjaħ laqgħa nhar il-Ħamis, 25 ta' Settembru, 2014 għar-residenti kollha tal-Housing Estate f'ta Mlit sabiex tiġi spejgata lilhom l-iskema tal-Awtorita tad-Djar - 'Programm ta' Manutenzjoni fil-Binjiet tal-Gvern (2011-2016)'. Il-Kunsilliera ġew mitluba jattendu għal din il-laqgħa

Ma kienx hemm Affarijiet Oħra x'jiġu diskussi u l-Laqgħa spiċċat fid-9.30pm.

Dott Shirley Farrugia
Sindku

John J. Camilleri
Aġent Segretarju Eżekuttiv